MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 125/2009

**A B C**

**-vs-**

**D B C;**
**Martina Mountford b'digriet tad-19 ta' Mejju 2009 giet nominata bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-minuri E B C;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut D B C fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000), wara li kienu ilhom johorgu flimkien madwar sena u nofs;

Illi fit-tnax (12) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), lill-attrici tweldilha t-tifel bl-isem ta’ E, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru tar-registrazzjoni 1742/2002 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi skond l-istess certifikat tat-twelid Dok. A, it-tifel E gie inskritt bhala iben l-attrici u zewgha D B C;

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut D B C m’huwiex il-missier naturali u bijologiku tal-iben minuri E, in kwantu gie koncepit minn relazzjoni estra-maritali li kellha l-attrici;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-missier naturali tal-minuri E li twieled fit-tnax (12) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), m’huwiex il-konvenut D B C, izda l-missier mhux maghruf.

Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-imsemmi minuri E, numru tar-registrazzjoni 1742/2002 (Dok. A) u partikolarment fil-kolonni intitolati: Isem u Kunjom Missier it-Tarbija; Id-Dokument tal-Identita’; Eta’; Isem u kunjom il-missier; u jekk hux haj jew mejjet, jigi sostitwit l-isem ta’ D B C bl-informazzjoni “missier mhux maghruf”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi *in limine litis*, l-esponent jistqarr li huwa m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati kemm fir-rikors guramentat u kif ukoll fl-affidavits hemm mehmuza, kwindi dwar il-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-atti probatorji u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita’ fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha D B C u dan tul il-perjodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fl-istess waqt, ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri E ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta’ iskrizzjoni 1742 tas-sena 2002;

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f’kaz li jigu superati t-tieni u t-tielet eccezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b’hekk dan ikun jista’ jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta’ iben imwieled u mnissel fiz-zwieg talanqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suriferit dejjem f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem D B C, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta’ min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 1742 tas-sena 2002;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 2009, li permezz tieghu Martina Mountford giet maghzula bhala kuratur tal-minuri E B C, madanakollu din ma rrispondietx.

Rat in-nota tal-intimat D B C li permezz taghha huwa ammetta t-talba u ddikjara li m’huwiex missier naturali ta’ E B C.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Qieset illi mill-provi prodotti, partikolarment mir-rizultati tal-analizi medici, ir-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjoni legali u ppruvat minghar dubju li zewgha D B C m’huwiex missier naturali ta’ binha E.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li E B C li twieled fit-12 ta’ Mejju 2002 m’huwiex wild naturali ta’ D B C.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid Nru. 1742/2002 jithassru l-konnotati ta’ D B C mill-kolonni rigwardanti taghrif fuq missier it-tarbija. Ghandhom jitnizzlu minflok il-kliem “mhux maghruf”. Ghandhom jithassru ukoll il-kliem “the said” mill-kolonna tal-konnotati tal-omm.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B C.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------